**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 10 ta' Mejju 2001**

**Citaz. Nru: 7/00c**

**Angelic Mifsud**

**Vs**

**Manicolo Carmelo, Joseph u Anthony ahwa.**

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni fejn l-attur qal;

Illi permezz tar-rikors numru 85/00 JC fl-ismijiet Carmelo, Joseph u Anthony ahwa Manicolo versus Angelic Mifsud presentat quddiem dan il-Bord, ir-rikorrenti konvenuti talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu pussess tal-fond adebit bhala hanut fi Triq l-Arznell, Marsascala, "stante illi l-attur intimat issulloka l-fond u/jew ceda d-drittijiet lokatizzji lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti konvenuti u kontra d-divjet espress fl-iskrittura ta' lokazzjoni tal-10 ta' Settembru 1992";

Illi deher illi l-attur intimat ma ppresenta l-ebda risposta u li fil-fatt ma attendiex ghall-udjenza tal-15 ta' Novembru 2000 li ghaliha kien gie appuntat ghas-smigh ir-rikors 'de quo', f' liema seduta dan il-Bord ippronuncja d-decisjoni tieghu, u in mancanza ta' risposta mill-attur intimat, u wara li ra l-Art. 33 tal-Kap. 69, laqa' t-talbiet tar-rikorrenti konvenuti bl-ispejjes kontra l-attur rikorrent u ffissa t-terminu ta' xahar mid-data tad-decisjoni ghall-isgumbrament;

Illi l-attur intimat sar jaf illi r-rikors ' de quo' kien gie appuntat ghas-smigh u deciz, biss fis-7 ta' Dicembru 2000 permezz ta' ittra tal-Avukat Dottor Philip Sciberras datata 4 ta' Dicembru 2000;

Illi l-attur intimat ihoss ruhu aggravat bl-imsemmija decisjoni ta' dan il-Bord u ghat-termini tal-Art. 811 (b) tal-Kodici tal-Procedura Civili qieghed jinterponi umli ritrattazzjoni minnha;

Illi l-aggravju tal-attur intimat u dawn il-proceduri qeghdin jigu bbazati fuq il-fatt illi l-attur intimat qatt ma gie notifikat bl-avviz ghas-smigh tar-rikors skond il-ligi - gie notifikat **biss** bir-rikors fuq citat fis-16 ta' Ottubru 2000 permezz ta' posta registrata (R Nru. 262- Marixxal Francis X. Ellul - );

Illi kien ghalhekk illi r-rikorrent ma deherx quddiem dan il-bord fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2000 sabiex jopponi ruhu ghal u jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Illi huwa car illi sar zball amministrattiv u li r-Registratur tal-Qrati naqas li jinnotifika l-inkartament intier lill-attur intimat;

Illi konsegwentement isegwi illi ma tezistix u li ma kienx hemm notifika valida tal-att kif titlob il-ligi ( Art. 811 9b), u jirrizulta mill-process illi l-attur intimat mhux notifikat, ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza;

Illi dawn il-fatti ma kienux a konjizzjoni tal-Bord meta' ippronuncja d-decizjoni tieghu li minnha qieghed jintalab li ssir ritrattazzjoni;

Illi l-attur intimat qieghed jipproduci garanzija skond il-ligi, hawn annessa u markata Dok. AM 1;

Illi fil-waqt li l-attur intimat jaghmel ampja referenza ghall-atti kollha tac-citat rikors u li minn issa jirriserva li jipproduci dawk il-provi kollha lilu permessi mill-ligi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti rikorrenti il-ghaliex dan il-Bord m' ghandux:

1. Jirrevoka jew ihassar id-decisjoni tieghu moghtija fil-15 ta' Novembru 2000 fir-rikors fl-ismijiet inversi fuq indikat u dan ghat-tenur tal-Art. 811 (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi ma kienitx saret notifika valida tal-atti kif titlob il-ligi;

2. Ghaliex m' ghandux jordna s-smigh mill-gdid tal-mertu tal-istess rikors u

3. Ghaliex, fil-mertu, m' ghandux jichad it-talbiet tal-konvenuti rikorrenti bl-ispejjes ta' din il-kawza u ta' dawn il-proceduri, komprizi dawk tar-rikors presentat kontestwalment, kontra l-istess konvenuti rikorrenti, minn issa ngunti ghas-subizjoni taghhom.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa ta' l-attur, il-lista tax-xhieda.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi:

T-talba attrici dwar il-proponiment tar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza hi insostenibbli stante li l-attur gie validament notifikat bir-rikors promotur; salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ra l-verbal tal-21 ta' Marzu 2001

Ikkunsidra,

1. Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2001 l-attur talab ir-rikuza tal-Bord a termini tas-subinciz 2 tal-artiklu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2.L-imsemmi subinciz 2 tal-artiklu 734 jghid:

"L-Imhallef jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod f' kawza meta l-kawza tkun ga giet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta' dik il-kawza meta kien qed joqghod bhala Mhallef fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili".

3. Dan is-subinciz bl-ebda mod ma japplika ghall-Bord li Jirregola l-Kera. Ir-referenza ghas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili turi t-tifsira ta' dan l-artiklu.

4. Il-Bord mit-trattazzjoni li saret quddiemu jifhem li intalbet ir-rikuza billi hu diga ddecieda rikors fl-ismijiet inversi fejn skond ic-citazzjoni:

> "l-attur intimat mhux notifikat, ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza".

5. F' dan il-kaz ir-ritrattazzjoni tar-rikors numru 85/00, deciz fil-15 ta' Novembru 2000, qed tintalab a bazi ta' l-art 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> "kawza deciza b' sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
> (a) …………..
> (b) jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza".

6.a. L-art 814 jissokta jghid li:

> "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-Sub - Titolu 11 tat-Titolu 11 tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodici, it-talba ghar-ritrattazzjoni ghanda ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistghu joqoghdu fiha l-istess Imhallfin jew Magistrati".

6.b. Ir-referenza maghmula fl-art 814 hija dwar "ir-rikuza ta' Mhallfin u Magistrati u Fuq is-Surroga". (art 733-740).

7. Il-hsieb tal-legislatur dejjem kien li fil waqt li ghandu jsir il-haqq u l-gjudikant ikun hieles ghal kollox, l-gjudikant ma jistax jaqbad u jfarfar minn fuq spallejh. Ghandu dmir li jrid jerfa u li ma jistax iwarrab.

8. Il-gurisprudenza fuq ir-ritrattazzjoni dahlet ukoll fil-qasam kostituzzjonali (ara Bugeja et vs Onor Prim Ministru et, 17/6/94, Koll. Vol. LXXVIII – PT – p.129, Qorti Kostituzzjonali; Xuereb vs Xuereb; 2/6/00 App. Mill-Bord; 'Dalli vs Sare', 26/10/94, App). Hu pacifiku li l-istess gjudikant ghandu jisma u jiddeciedi kawza ta' ritrattazzjoni barra meta ssir b' refernza ghall-art. 811 (e) u 811 (i) u f' dawn il-kazi wkoll qabel ma jirrikuza ruhhu ghandu jaghmel "ezami ragonevoli imma mhux approfondat tal-kawzali".

9. F' dan il-kaz ir-ritrattazzjoni qed tintalab a termini ta' l-art 811 (b) u skond il-ligi kif imfissra mill-gurisprudenza, l-gjudikant ghandu d-dmir, li jisma l-kawza hu stess.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba ghar-rikuza, bl-ispejjez kontra l-attur u jiddiferixxi l-kawza ghas-smiegh ghas-26 ta' Gunju fid-9.00am.

Dep.Reg Magistrat